MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 937/2002

**Mary Rose Spagnol f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Donna, Redeemer, Tarquin Manuel u Catriel u dan b'digriet tad-19 ta' Awissu 2002.**

**vs.**

**Martin Spagnol.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar id-9 ta' Jannar 1988 fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla (Dok "A");

Illi li miz-zwieg ta' bejn il-konjugi Spagnol twieldu erbat itfal li jisimhom Donna, Redeemer, Tarquin Manuel u Catriel li lkoll ghadhom minuri;

Illi l-hajja mizzewga bejn il-konjugi Spagnol saret impossibli minhabba adulterju, minacci, ingurji gravi, vjolenza u inkompatibilita' ta' karratru mputabbli lill-konvenut;

Illi l-attrici ghamlet minn kollox sabiex issalva z-zwieg izda kien kollu ghalxejn;

Illi l-attrici kisbet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali mill-konvenut (Dok "B");

Illi l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronuzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-konjugi Spagnol;

2. Takkorda lill-attrici u lill-erba' uliedha minuri 'l fuq imsemmija dak il-manteniment xieraq kif jidhrilha din l-Onorabbli Qorti;

3. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja ta' uliedha minuri Donna, Redeemer, Tarquin Manuel u Catriel;

4. Tillikwida u taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq;

5. Tordna lill-konvenut jitlaq mid-dar matrimonjali u cioe' Flat 3, Block 1, Entrance C, Appartamenti Indipendenza, Triq il-Villa ta' l-Ammirall, Kalkara u thalli tali residenza ghall-uzu esklussiv ta' l-attrici u uliedha minuri u dan ghal ragunijiet validi fil-ligi;

6. Tassenja lill-attrici l-propjeta parafernali taghha;

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol 3, 4 u 5 tal-process;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 11 ta' April 2002 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attrici tersaq ghas-separazzjoni, il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-attrici b'access favur il-konvenut kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Sibt bejn il-5.00.p.m. u is-7.00.p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn is-1.00.p.m. u s-7.00.p.m.; ordnat lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghll-attrici s-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) u ghall minuri s-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza tal-attrici b'effett mill-11 ta' April 2002; u laqghet ir-raba' talba tar-rikorrenti. (Dok. "B" – fol. 7 tal-process).

Rat li ghalkemm l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fis-17 ta' Ottubru 2002 (fol.15 u *a tergo* ta' fol. 16) huwa baqa' ma prezentax nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontomaci;

Rat ir-rikors ta' Mary Rose Spagnol datat 14 ta' Awwissu, 2002, fejn ir-rikorrenti talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tinnominaha kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri;

Rat id-Digriet datat 19 ta' Awwissu, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru, 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' sittin (60) jum u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-5 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbali tal-5 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Reno Bord talab differiment ghall probabbli transazzjoni b'dan li jekk tali transazzjoni ma sehhx jadirixxi ruhhu mad-digriet tal-11 ta' Dicembru 2002 u l-Qorti estendiet it-terminu ghall prezentata affidavits attrici b'hamsin (50) gurnata u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta' Mejju 2003;

Rat il-verbal tal-15 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Reno Borg ghall-attrici talab iktar zmien ghall-prezentata tal-affidavits, u l-Qorti laqghet it-talba u estendiet it-terminu ghall-prezentatat tal-istess sal-ahhar ta' Gunju 2003 u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Ottubru 2003;

Rat il-verbal tal-21 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Reno Borg ipprezenta l-affidavit tal-attrici u ddikjara li ma kellhux provi izjed u peress li l-konvenut imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2003;

Rat l-affidavit tal-attrici datat 15 ta' Mejju 2003 u pprezentat fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2003;

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha datat 15 ta' Mejju 2003, l-**attrici, Mary Rose Spagnol** tghid:-

*"Illi nghid illi meta zzewwigt kont ghadni zghira hafna. Kelli biss 17-il sena ghaliex ta' 16-il sena kont hrigt tqila u zzewwigt;*

*Illi jiena zzewwigt fl-1988 u ghall-perjodu twil ta' zmien jiena u r-ragel konna nghixu mhux hazin;*

*Illi izda gara li sieheb zewgi kien wegga' gravi fuq ix-xoghol u zewgi kien imur jarah. L-ewwel beda jmur darba f'gimgha, imbaghad beda jmur kuljum. Jiena bdew jiguni s-suspetti. Ir-ragel beda jinbidel;*

*Illi niftakar li meta kont tqila bl-ahhar tifel tieghi Catriel, ir-ragel beda naqra, naqra jabbandunani. Skoprejt li waqt li jien ikolli bzonnu, kien ikun ma' mara ohra li kienet il-mara*

*ta' siehbu li kien korra. Fil-fatt fl-ahhar tqala kont qed inkorri u lanqas biss gie jarani d-dar. Kien jitlaq fil-5.30am u jigi l-ghada fil-5.30 a.m. jigifieri beda anke jorqod barra. Niftakar li ghall-visti tat-tqala, darba biss gie mieghi;*

*Illi qabel ma ltaqa' ma' din il-mara kien jaghtini l-paga u kont inhallas kollox jien. Beda jaghtini tmenin lira Maltija (Lm 80) fil-hmistax u l-flus ma bdewx jiservuni. Fil-fatt l-affarijiet tat-tarbija xtrawhomli ommi u ohti. Jumejn qabel wellidt lill-ahhar tarbija kien sawwatni sew;*

*Illi lit-tifel Catriel konna dahhalnieh is-CPU, l-isptar. Meta kien jigi jarah, il-mobile kien idoqqlu u kien jidher li kien qed ikun jitkellem ma' mara;*

*Illi mort nghassislu u rajtu jiccelebra r-rebha tal-kampjonat mal-Belt. Rajtu anke jitbewwes ma' din il-mara f'dik l-okkazzjoni;*

*Illi darba fettilli ncempel lil din il-mara;*

*Illi wegibni t-tifel taghha li kien ghadu zghir;*

*Illi ghidtlu: hemm qieghda l-mummy?*

*Illi qalli: l-mummy harget.*

*Illi ghidtlu: ma' l-gharus?*

*Illi qalli: kif taf?*

*Illi ghidtlu li jien kont naf ghaliex kienet habiba mieghi;*

*Illi ghidtlu: naf ukoll li jismu Martin Spagnol l-gharus tal-mama;*

*Illi qalli: int taf kollox. Kuljum johrog maghha;*

*Illi jiena ghidt lill-huti u dawn marru B'Kara fejn toqghod u rawha fil-karozza ma' zewgi. Rawhom ohti Carmen Butler u zewgha Charles. Charles ghadda minn mal-karozza*

*tieghu u kellmuh. Ftit wara marret wkoll ohti l-ohra Sandra Olayami. Jumejn wara hrigt mill-isptar;*

*Illi kif kont id-dar, gie u ha hwejjgu u mar ghand qrabatu. Fil-fatt qed jghix m' ommu. Kien rega gie d-dar imma rega' telaq;*

*Illi nghid wkoll li lilha cempiltilha u ghandi 'cassette tape' li nista nesebih;*

*Illi bdejt nircievi hafna ittri anonimi. Ghamilt xahar kont nircievi wahda kuljum. Kienu jghajjruni f'dawn l-ittri bhala '…………';*

*Illi nghid li ghandna erbat itfal minuri li jisimhom Donna ta' 15-il sena, Redeemer ta' 14, Tarquin ta' 10 u Catriel ta' sentejn;*

*Illi zewgi qed jaghtini mija u ghoxrin lira Maltija (Lm 120) kull hmistax bhala manteniment. Ma nafx kemm ghandu paga. Ghamel zmien ma kienx jaghtini manteniment u ghandu jaghtini arretrati ta' aktar min Lm 1000;*

*Illi ahna noqghodu fi Block C, Flat 3, Entrance 1, Appartmenti Indipendenza, Triq il-Villa ta' l-Ammirall, Kalkara. Din qieghda bil-kera u nitlob li l-kirja tinqaleb fuqi u li zewgi jibqa jghix fejn ilu jghix sabiex nghixu fil-kwiet, jiena u l-erba' uliedi;*
*Illi hlief il-mobbli tad-dar li nuzahom ghall-hajja ta' kuljum, ahna ma ghandna xejn aktar."*

## ii. APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika prova li ingabhet kien biss l-affdavit tal-attrici u l-konvenut baqa' kontumaci u qatt ma deher fil-kawza, u l-provi prodotti huma xi ftit skarsi nonostante li l-kawza ila prezentata mill-14 ta' Awwissu 2002, izda jidher li ghat-talbiet attrici hemm bizzejjed sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha, anke ghaliex ix-xhieda tal-attrici ma hija bl-ebda mod kontrastata bi provi min-naha tal-konvenut, proprju ghaliex dan lanqas biss ressaq u deher fil-kawza.

Illi intant fuq l-ewwel talba attrici jrrizulta mill-provi li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra u anke abbanduna l-familja wara t-twelid tal-ahhar tarbija li kellhom minn erba' t'itfal; fil-fatt l-affidavit tal-attrici ma jhalli l-ebda dubju dwar dan, u jidher li l-kawza principali ghall kollass ta' dan iz-zwieg kienet proprju din ir-relazzjoni extra-maritali tal-konvenut; apparti dan jidher li l-istess attrici giet soggetta ghall-eccessi, mohqrija u ingurji gravi *da parte* tal-istess konvenut proprju ghaliex jidher li anke waqt l-ahhar tqala huwa beda jinjora lill-attrici, u johrog wahdu u anke jorqod barra u ghalhekk minhabba dan l-ewwel talba attrici ghandha tigi miqlugha.

Illi dwar il-kura u kustodja ta' ulied il-minuri ftit hemm x'wiehed jghid hlief li din il-Qorti qed taddotta d-Digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk takkora l-istess kura u kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici b'dan li l-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Sibt bejn il-5.00.p.m. u is-7.00.p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn is-1.00.p.m. u s-7.00.p.m., b'dan li tali access issir bl-esklussjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-konvenut jew l-attrici.

Illi dwar manteniment ukoll ftit hemm provi hlief dak decretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u allura necessarjament din il-Qorti ser tafferma dak decretat u cjoe' li l-konvenut ghandu jissominstra manteniment lill-attrici ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha u lill-minuri s-somma ulterjuri ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi apparti li din il-Qorti qed tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dan b'effett mid-data tad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 11 ta' April 2002, dwar il-komunjoni tal-akkwisti u senjatament dwar il-konsistenza taghha ghall fini ta' likwidazzjoni u divizzjoni tal-istess, ma jirrizultax li ingabhu provi dwar il-konsistenza taghha.

Illi pero’ jista’ jinghad li jidher mix-xhieda tal-istess attrici li dawn jikkonsistu biss f’mobbli li l-istess partijiet kienu juzaw ghall-hajja ta’ kuljum u b’applikazzjoni wkoll tal-**artikoli 48 u 54 tal-Kap 16,** tordna li kull parti tibqa’ izomm u tigi assenjata dawk il-mobbli kollha li effettivament u attwalment jinsbu fil-pussess rispettiv ta’ kull parti, b’dan li l-attrici qed tigi assenjata l-effetti mobbli kollha li jinsabu llum fil-pussess taghha u fid-dar konjugali, u l-konvenut jigi assenjat l-effetti mobbli kollha u affarijiet personali li effettivament ha mieghu meta telaq u hareg mid-dar konjugali. Dan apparti li l-kera tal-fond matrimonjali Flat 3, Block 1, Entrance C, Appartamenti Indipendenza, Triq il-Villa ta’ l-Ammirall, Kalkara qed tigi wkoll assenjata lill-attrici u din il-Qorti tordna notifika ta’ kopja legali ta’ din l-istess sentenza mill-attrici u a spejjez taghha lill-istess sid il-kera, sabiex tali kera b’effett mid-data ta’ din is-sentenza tibda tghajjat esklussivament lill-attrici. Fl-ahharnett qed jigu applikati fil-konfront u kontra l-konvenut d-disposizzjonijiet tal-**artikoklu 48 tal-Kap 16.**

Illi dwar il-hames (5) talba attrici u konsistenti ma dak appena deciz, jidher li din wkoll ghandha tigi milqugha peress li fuq kollox l-istess konvenut ghazel li ma jibqax jghix fid-dar konjugali u ghalhekk l-istess dar matrimonjali abbazi tal-**artikolu 55 A tal-Kap 16** ghandha tigi assenjata lill-attrici ghall uzu taghha u ta’ uliedha minuri bl-esklussjoni tal-konvenut, li b’effett ta’ din is-sentenza ma’ ghandu l-ebda dritt li jidhol fl-istess fond, u konsegwentement il-kera tal-istess fond ghandha tinqaleb min sid il-kera u mill-Awtoritajiet kompetenti, jekk inhu l-kaz ghall fuq l-attrici,

Illi dwar is-sitt talba din ghandha tigi michuda *stante* li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi proprjeta’ parafernali tal-attrici, u wisq inqas li xi proprjeta’ hekk deskritta tinsab fil-pussess tal-konvenut.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u fil-waqt li **tichad is-sitt (6) talba attrici, tilqa’ l-ewwel, it-tieni, t-**

**tielet, r-raba' u l-hames talba attrici** bis-sens u kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronuzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-konjugi Spagnol u tiddikjara li l-istess konvenut huwa unikament responsabbli ghall-istess firda u dan minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi prattikati mill-istess konvenut u li kawza tal-istess il-hajja konjugali saret impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

2. Takkorda lill-attrici r-rata ta' manteniment ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha u lill-erba' uliedha minuri s-somma ulterjuri ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, b'dan li l-konvenut qed jigi ordnat ihallas ghall-attrici u uliedha l-ammont ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza attwali tal-attrici.

3. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja ta' uliedha minuri Donna, Redeemer, Tarquin Manuel u Catriel b'dan li l-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Sibt bejn il-5.00.p.m. u is-7.00.p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn is-1.00.p.m. u s-7.00.p.m., b'dan li tali access issir bl-esklussjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-konvenut jew l-attrici.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data tal-11 ta' April 2002, u tiddikjara li l-istess komunjoni tikkonsisti biss f'mobbli li l-istess partijiet kienu juzaw ghall-hajja ta' kuljum u xi oggetti li l-istess konvenut ha mieghu meta ma baqax jabita fid-dar konjugali u ghalhekk anke b'applikazzjoni tal-**artikoli 48 u 54 tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenut, tordna li kull parti tibqa' izomm u tigi assenjata dawk il-mobbli kollha li effettivament u attwalment jinsbu fil-pussess rispettiv ta' kull wahda minnhom, b'dan li l-attrici qed tigi assenjata l-effetti mobbli kollha li jinsabu llum fil-pussess taghha u fid-dar konjugali, u l-konvenut jigi assenjat l-effetti mobbli kollha u affarijiet personali li effettivament ha mieghu meta telaq u hareg mid-dar konjugali. Dan apparti li l-kera tal-fond matrimonjali Flat 3, Block 1, Entrance C,

Appartamenti Indipendenza, Triq il-Villa ta’ l-Ammirall, Kalkara qed tigi wkoll assenjata lill-attrici u din il-Qorti tordna notifika ta’ kopja legali ta’ din l-istess sentenza mill-attrici u a spejjez taghha lill-istess sid il-kera, sabiex tali kera b’effett mid-data ta’ din is-sentenza tibda tghajjat esklussivament lill-attrici. Il-Qorti tordna li jigu applikati fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

5. Tordna abbazi tal-**artikolu 55A tal-Kap 16** li l-Flat 3, Block 1, Entrance C, Appartamenti Indipendenza, Triq il-Villa ta’ l-Ammirall, Kalkara tibqa’ biss bhala residenza ghall-uzu esklussiv ta’ l-attrici u uliedha minuri bl-esklussjoni tal-istess konvenut, li b’effett mid-data ta’ din is-sentenza qed jigi terminat fil-konfront tieghu kull dritt ta’; access jew abitazzjoni fl-istess fond.

6. Tichad it-talba sabiex l-attrici tigi assenjata l-proprjeta’ parafernali taghha *stante* li ma ingabhet l-ebda prova dwar l-ezistenza jew konsistenza tal-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------